

**It-Tlieta 7 ta' Settembru 2010**

### III

(*Atti preparatorji*)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

### **Il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0291

**Riżoluzzjoni legislativa tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (kodifikazzjoni) (COM(2010)0204 – C7-0112/2010 – 2010/0110(COD))**

(2011/C 308 E/20)

(Proċedura legiġlattiva ordinarja: kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0204),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 46 tat-Trattat FUE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0112/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat FUE,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati indirizzati lill-President tiegħu mill-parlamenti nazzjonali dwar il-konformità tal-abbozz ta' att mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-14 ta' Lulju 2010,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonal tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi (¹),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għall-Affarijiet Legali (A7-0222/2010),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tidher hawn taħt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

(¹) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

It-Tlieta 7 ta' Settembru 2010

**P7\_TC1-COD(2010)0110**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Settembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (kodifikazzjoni)**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru .../2011)

---

**L-awtentikazzjoni tal-muniti tal-Euro u t-trattament ta' muniti tal-Euro li mhumiex tajbin għaċ-ċirkolazzjoni \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0292

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-Euro u t-trattament ta' muniti tal-Euro li m'humiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (COM(2009)0459 – C7-0207/2009 – 2009/0128(COD))**

(2011/C 308 E/21)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0459),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(4) tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0207/2009),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titolu “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għaddejji bħalissa” (COM(2009)0665) u u l-addendum tagħha (COM(2010)0147),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-16 ta' Novembru 2009 (¹),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0212/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
- 

(¹) ĠU C 284, 25.11.2009, p. 6.